



Brussell, 12 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

11749/20

TRANS 457
FIN 734

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10810/20 TRANS 395 FIN 619	
Suġġett:	Ir-Rapport Speċjali Nru 10/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Infrastrutturi tat-trasport fl-UE: tinħtieġ aktar rapidità fl-implimentazzjoni ta' megaproġetti biex l- effetti tan-netwerk jitwasslu fil-ħin" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Ottubru 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 10/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, intitolat "Infrastrutturi tat-trasport tal-UE: tinħtieġ aktar rapidità fl-implimentazzjoni ta' megaproġetti biex l-effetti tan-netwerk jitwasslu fil-ħin", kif approvati mill-Kunsill Affarjiet Barranin fil-laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Ottubru 2020.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar
ir-Rapport Speċjali Nru 10/2020 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri:**

"Infrastruttura tat-trasport fl-UE:

tinħtieġ aktar rapidità fl-implimentazzjoni ta' megaproġetti biex l-effetti tan-network jitwasslu fil-ħin"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali Nru 10/2020 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Infrastrutturi tat-trasport tal-UE: tinħtieġ aktar rapidità fl-implimentazzjoni ta' megaproġetti biex l-effetti tan-network jitwasslu fil-ħin".
2. JIRRIMARKA li r-Rapport jivvaluta kif il-Kummissjoni tiżgura li l-"Infrastrutturi Ewlenin tat-Trasport" (TFIs) transfruntiera kofinanzjati mill-UE li jagħmlu parti min-network TEN-T jiġu ppjanati tajjeb u implimentati b'mod effiċjenti, filwaqt li JINNOTA li l-kunċett tat-TFIs mhuwiex parti mill-qafas leġiżlattiv attwali li jirregola n-network TEN-T.
3. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2017 dwar il-progress tal-implimentazzjoni tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) għat-trasport, li fihom il-Kunsill tenna l-impenn tal-Istati Membri li jimplimentaw in-network TEN-T, u appella għall-implimentazzjoni f'waqtha tal-proġetti mill-benefiċjarji kollha¹.
4. JISSOTTOLINJA l-importanza li l-użu tas-sistema tat-trasport kollha kemm hi jiġi ottimizzat, kemm għall-passiġġieri kif ukoll għall-merkanzija. F'dan il-kuntest, JENFASIZZA l-kontribut tal-proġetti awditjati għat-tranżizzjoni lejn modi tat-trasport aktar effiċjenti u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, biex jiġu indirizzati l-punti ta' konġestjoni u jiġu eliminati l-konnessjonijiet neqsin fil-kurituri tan-network ewlieni, u b'hekk JISĦAQ FUQ l-importanza tagħhom biex tittejjeb il-konnettività tan-network ewlieni tat-trasport tal-UE u biex jitgawdex il-benefiċċji kollha ta' network li jiffunzjona tajjeb.

¹ ST 15425/17

5. ITENNI l-importanza tal-appoġġ finanzjarju tal-UE għall-iżvilupp tan-network TEN-T b'mod ġenerali, li jgħin biex jiġi żgurat impenn fit-tul u jinholq ambjent stabbli għall-implimentazzjoni tal-proġetti. Barra minn hekk, JENFASIZZA l-effett ta' lieva importanti tal-appoġġ finanzjarju tal-UE, fuq perijodi ta' programmazzjoni konsekuttivi, għat-teħid ta' deċiżjonijiet u b'mod partikolari għall-implimentazzjoni ta' proġetti li jindirizzaw il-konnessjonijiet ewlenin li jkunu neqsin u l-punti ewlenin ta' konġestjoni.
6. JIRRIMARKA li t-tul ta' żmien ta' perijodu finanzjarju tal-QFP huwa iqsar meta mqabbel mat-tul ta' żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' infrastruttura fuq skala kbira.
7. JISSOTTOLINJA li proġetti bħal dawk awditjati fir-Rapport Speċjali, speċjalment meta jkunu transfruntiera, kollha huma kumplessi ħafna f'termini tad-daqs tagħhom, l-ippjanar tekniku u finanzjarju tagħhom, kif ukoll fl-implimentazzjoni tagħhom, u li jeħtieġu kooperazzjoni mill-qrib u kontinwa bejn il-partijiet ikkonċernati differenti fl-Istati Membri kkonċernati, b'kont meħud ukoll tal-opinjoni politika u pubblika.
8. JAPPREZZA l-involvement dedikat tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tan-network TEN-T u JIRRIKONOXXI l-isforzi tal-Kummissjoni fl-użu ta' varjetà ta' għodod u riżorsi eżistenti maħsuba biex jappoġġaw lill-Istati Membri biex ilestu proġetti ta' infrastruttura tat-trasport.
9. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti indirizzati lill-Kummissjoni filwaqt li JFAKKAR fil-kisbiet tal-imġhoddi fl-implimentazzjoni ta' TEN-T, u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tippromwovi ppjanar aħjar fit-tul ibbażat fuq il-leġiżlazzjoni attwali u l-iżvilupp ulterjuri tiegħu.
10. JIEĦU NOTA tas-sejbiet ewlenin u tal-konklużjonijiet tar-Rapport fir-rigward tal-kapaċità operazzjonali sħiħa tal-proġetti awditjati sal-2030, l-għodod għall-ippjanar użati għat-tnejjja tagħhom bħat-tbassir tat-traffiku u l-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji, l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tagħhom u r-rwol ta' sorveljanza tal-Kummissjoni, u JFAKKAR fl-osservazzjonijiet u r-reazzjonijiet pertinenti li l-Istati Membri u l-promoturi tal-proġetti pprovdew lill-QEA sabiex ċerta data esposta fir-Rapport tiġi speċifikata u ddefinita aħjar.

11. JIKKONDIVIDI partijiet kbar mill-osservazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni inklużi fir-Rapport Speċjali, b'mod partikolari fir-rigward ta':

- ir-rispons tal-Kummissjoni għall-kapaċità operazzjonali tal-proġetti awditjati sal-2030 u d-dettalji pprovduti dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-proġetti individwali;
- l-isfida biex jitqabblu l-ispejjeż u d-dewmien tal-proġetti abbażi ta' studji preliminari, meta l-ambitu u/jew it-tfassil tal-proġetti kienu għadhom soġġetti għal bidliet sinifikanti, b'mod partikolari minħabba konsultazzjonijiet pubbliċi u valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali;
- il-miżuri mmirati biex jiżguraw l-aħjar użu tal-infrastruttura li tkun għadha kif inbniet u b'hekk tal-finanzjament pubbliku, bħal-livelli ta' tbassir tat-traffiku jew l-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji, li għal proġetti ta' infrastruttura ta' dan il-kobor jiġu aġġornati maż-żmien abbażi ta' analiżi inizjali u skont bidliet possibbli fl-ambitu jew fir-rekwiżiti tekniċi;
- l-iżgurar tal-finanzjament tal-UE fi stadju bikri tal-proċess, li jipprovdi effett ta' lieva importanti fil-prijoritizzazzjoni u l-finanzjament fil-livell lokali jew nazzjonali, filwaqt li jiġi mfakkar li kwalunkwe finanzjament għal dawn il-proġetti l-kbar għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u r-Regolament CEF, li ma jagħti l-ebda prijorità ta' finanzjament allokat minn qabel u ddedikat għal dawn il-proġetti l-kbar.